**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Gunju, 2002**

**Numru 13**

**Avviz numru 1533/01JR**

**United Automobiles Limited**

**vs**

**Charles Stivala u Sarah Trading Co. Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fl-20 ta' Novembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u erbgha u tmenin Maltija (Lm884.00), rapprezentanti hlas ghall-ipparkjar tal-vettura Opel Omega Numru ta' Registrazzjoni 317815 fil-garaxx tas-socjeta` attrici mill-21 t'Awissu, 2001 sal-5 ta' Novembru, 2001;**

**Ghalkemm il-konvenuti gew interpellati biex ihallsu, huma baqghu nadempjenti;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta' Settembru, 2001, bl-imghaxijiet legali fuq l-ammont fuq imsemmi sad-data tal-hlas effettiv.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-13 ta' Frar, 2002, li fiha ntqal:**

i. **Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma kien jezisti l-ebda tip ta' ftehim bejn il-partijiet u bhala konsegwenza m'ghandhom jithallsu l-ebda tariffi ta' l-ipparkjar lis-socjeta` attrici mill-konvenuti, u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Spiridione Schembri, Mario Grech u Charles Stivala. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza qed issir ghall-hlas ta' tmien mija u erbgha u tmenin lira Maltija reklamati mis-socjeta` attrici bhala hlas ghall-**

**parkegg mill-25 t'Awissu, 2000 sal-5 ta' Novembru, 2001. Il-perjodu qed jittiehed a bazi ta' dak li xehed Mario Grech ghas-socjeta` attrici.**

2. **Mix-xhieda mismugha jirrizulta li l-konvenut kien importa karrozza Opel Omega numru ta' registrazzjoni 317815, u dana l-Lulju, 2000. Din il-karrozza kienet giet "towed" ghall-garaxx tas-socjeta` attrici fid-19/20 ta' Lulju, 2000, pero` meta waslet il-garaxx, ghalkemm kienet iddahhlet biex isirulha tiswijiet, irrizulta li l-karrozza in kwistjoni ma setghetx tissewwa hawn Malta.**
3. **Skond ma xehed Spiridione Schembri, li jamministra l-garaxx tas-socjeta` attrici, l-konvenut kien gie avzat bil-fatt li l-karrozza ma setghetx tissewwa hawn. Sakemm iddahhlet biss ghall "routine service" ma kienx hemm previsti tariffi tal-parkegg.**
4. **Jirrizulta li sussegwentement kien hemm ordni mid-Dwana biex il-karrozza ma tigix rilaxxjata, u wara tad-Dwana marru u ssigillaw il-karrozza, li baqghet fil-"parking area" tas-socjeta` attrici.**
5. **Kien sar ftehim verbali li l-konvenut jiehu lura l-karrozza peress li x-xoghol ma setghax isir ghandhom. Meta l-konvenut halla l-karrozza hemm, Schembri avzah li kienu ser jibdew il-"parking fees". F'dan is-sens xehed ukoll Mario Grech, General Manager**

**tas-socjeta` attrici, li kkonferma li kienu avzaw lill-konvenut li ser jibdew jghaddu il-"parking fees". Fil-fatt l-istess Mario Grech baghat ittra registrata lill-konvenut fid-9 t'Awissu, 2001, Dok.VCS1, fejn intqal lilu li "parking charges would become payable from 21st August, 2000."**

6. **Is-socjeta` attrici regghet kitbet lill-konvenut fil-21 ta' Lulju, 2000, Dok.VCS2. Kien hemm risposta mill-Avukati tas-socjeta` konvenuta fl-4 ta' Ottubru, 2001, fejn kien qed jigi sostnut dak li qed jinghad fir-risposta, cioe` li ma kien hemm ebda ftehim dwar "parking fees".**
7. **F'Jannar, 2001, il-konvenut kien staqsa lil Schembri biex jara kienux interessati jixtruha, pero` la l-management u lanqas is-sub-agents ma kienu interessati fiha.**
8. **F'Jannar, 2001 il-konvenut kien avzat li ser jibdew jghaddu l-parking charges. F'April, 2001, tad-Dwana issigillaw il-karrozza, u fil-5 ta' Novembru, 2001 tad-Dwana rtiraw il-karrozza mill-garaxx. Ix-xhud Mario Grech jikkonferma li meta l-karrozza giet irtirata mid-Dwana, il-konvenut gie avzat u kien ffirma biex tigi rtirata.**
9. **Issa, apparti li l-konvenut jghid li ma kien hemm ebda ftehim dwar "parking fees" u jsostni li fejn kienet qed tinzamm il-karrozza ma kienet ta' ebda piz ghas-socjeta` attrici, ghax din**

kienet fuq il-bejt. Pero` it-Tribunal innota li fejn kienet mizmuma kienu jinzammu vetturi ohra, u fil-fatt din il-vettura kienet parkeggjata ghand is-socjeta` attrici. Ir-rata ghall-parkegg hija ta' zewg liri kuljum.

10. Il-konvenut ghamel referenza ghall-Artikolu 1892 tal-Kodici Civili, li jirregola d-depozitu. Issa l-Artikolu 1918 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li d-depozitant ghandu jrodd lid-depozitarju l-hlas ta' l-ispejjez li dan jkun ghamel biex jikkonserva l-haga ddepozitata, u ghandu jikkumpensah tat-telf kolli li jkun gieblu d-depozitu.

11. Ma hux kontestat li fil-fatt s-socjeta` attrici naqset b'xi mod milli tiehu hsieb il-vettura ghandha depozitata. Fil-fatt kienet parkeggjata ma' vetturi ohra f'post privat, ossija il-garaxx tas-socjeta` attrici, u kienet qed tokkupa spazju li setgha jintuza minn vettura ohra.

12. Mil-kumpless tal-provi ma hemmx dubbju li fil-fatt l-istess socjeta` attrici kienet qed taghti servizz ta' parkegg lill-konvenuti, meta ppermettiet li l-vettura tinzamm hemm. Dwar ftehim ghall-hlas ghalkemm ma jirrizulta li ma kien hemm xejn bil-miktub, kien sar diskors u intbghatet ittra registrata lill-konvenut fejn intwera lilu bic-car li kienu ser jibdew jzommu hlas ghall-parkegg ta' l-imsemmija vettura. Ma setghax il-

**konvenut jimponi li dawn ibighu l-karrozza, apparti li ma jidher li kien hemm hadd interessat fiha.**

13. **Ghalhekk gjaladarba l-konvenut kien infurmat dwar il-hlas tal-parkegg, kien fl-interess tieghu li jnehhi l-vettura minn hemm kemm il darba ma riedx jehel il-hlas imsemmi. Mhix skuza l-fatt li vapur ghall-Libja ma kienx jahdem u ghalhekk ma setghax isifirha. La darba halla l-vettura hemm, is-socjeta` attrici ghandha kull dritt tigi kumpensata fir-rigward.**
14. **Bhala dritt ghall-parkegg jirrizulta s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas biss bejn il-25 t'Awissu, 2000 sal-5 ta' Novembru, 2001, cioe` erba' mija u sebgha u tletin (439) jum, li bir-rata ta' zewg liri kuljum igibu l-ammont ta' tmien mija u tmienja u sebghin lira Maltija (Lm878.00). It-Tribunal ghalhekk qed jilqa' t-talba limitatament f'dana l-ammont ghall-perjodu imsemmi.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentemtn pruvata it-tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u tmienja u sebghin lira Maltija (Lm878.00), bl-imghaxijiet li jibdew jiddekorru mill-lum sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta' Settembru, 2001, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**